**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 10/12(25_09_12).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 ta' Settembru 2012.

1. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
2. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
3. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.
4. Rapport tas-Sindku.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
7. Materji oħra.

**1.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

1.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit Saliba u l-Kuntrattur fejn saret *site inspection* fi Triq Ta' Rinota/Andrijiet, Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri. Il-Kunsill kiteb lill-Water Services Corporation, Taqsima tad-Drenaġġ u l-Enemalta Corporation. Triq ir-Rumani ser ningħataw il-livelli mill-MEPA. Il-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. intalab jagħmel garanzija ta' €32,000. Issa jrid isir ftehim sabiex jitħallsu €15,000 kull sena mingħajr imgħax. Ix-xogħol irid ikun lest sa l-aħħar ta' Novembru 2012.

**2.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

2.01 Fix-Xlendi ser jinżebgħu l-*parking bases*. Il-bankini ta' Triq il-Madonna tal-Karmnu bdew jitranġaw mill-Kuntrattur u x' ħin ilestu mill-bankina ser jitpoġġew żewġ katusi għall-ilma li qed jidħol fil-*garages* taċ-Ċentru Parrokkjali. Ix-xogħol fuq il-*Promenade* ta' Triq San Xmun daqt ikun lest.

**3.00 Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

3.01 Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ġie diskuss dwar *Shallow Dives* li ser jiġu organizzati flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport. Ser isir il-*Water Fun Park* fit-22 ta' Settembru 2012 fejn il-Kumitat ser iħallas €400 - €200 minnhom ser jitħallsu mill-Kunsill Malti għall-Isport u l-€400 l-oħra ser jitħallsu mill-Kunsill Lokali Il-Fontana.
Fl-istess laqgħa ġie diskuss dwar xogħlijiet li qed isiru fix-Xlendi.

**4.00 Rapport tas-Sindku.**

4.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' l-Avukat Mario Scerri rigward l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand l-Avukat Simone Grech dwar ix-xogħol ta' pavimentar f' Tal-Ponta. F' din il-laqgħa ġie diskuss il-kuntratt li ser isir ma' l-HSBC Bank Malta plc sabiex tinkera l-*Kiosk* tal-*Parking* tax-Xlendi. F' Awwissu saret viżita mill-Ministru Chris Said fuq ix-xogħlijiet li kienu qed isiru fil-passaġġ tal-Kantra u li huma iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Fl-istess post il-Kunsill kien waħħal żewġ bankijiet. Is-Sindku informa lill-Kunsill li jekk is-siġar tal-Pjazza ser isirilhom *heavy pruning*, trid issir applikazzjoni mal-MEPA.

Proprju illum saret laqgħa mal-Perit William Lewis rigward il-*Bill of Quantities* tal-Mitħna tax-Xlendi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm 100% *funding* mill-HSBC Bank Malta plc dwar Proġett ta' *Water Conservation*. Il-Kunsill jista' japplika għall-Wied tax-Xlendi. Il-Kunsill qabel li japplika għal dan il-*funding*.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva stima sabiex jittieħdu l-livelli tal-Pjazza tal-Knisja, qabel ma jinbdew ix-xogħlijiet ta' tisbiħ. L-istima ta' Marlon Mercieca hija ta' €300 VAT inkluż. Kien hemm qbil li dawn il-livelli jsiru.

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Ix-Xlendi Tower Management Committee ħatru lil Med Design Associates bħala l-Perit tal-Kumitat.

5.03 Il-Kunsill għadu qed jistenna l-*adjudication report* mingħand il-Perit Samuel Formosa sabiex il-Kunsill jiddeċiedi fuq min ser jieħu l-offerta MXR/003/2011 - (MG 300/2010/05) – Creating a Pedestrian Zone within Il-Munxar Church Square. Fi Frar li għadda l-Perit kien attenda għal-laqgħa ta' aġġudikazzjoni u ngħata kopji tad-dokumenti. Milli jidher ma tantx hu interessat li jagħmel ir-rapport u qed isir suġġeriment li tinstab persuna oħra. Il-Kunsill qabel li jerġa' jkellem lill-Perit Samuel Formosa sabiex jagħmel l-*adjudication report* hu stess.

5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stimi sabiex tinxtara *Multifunction Colour Printer A4*:

Alpha Company Ltd. - €1,097.40
Image Systems Ltd. - €545.00
Strand Electronics Ltd. - €678.50

Peress li l-prodott mingħand il-Kumpanija Strand Electronics Ltd. fiha l-aktar *features*, il-Kunsill għażel din l-offerta.

**6.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

6.01 Is-Sur Ryan Debrincat ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ħofra li saret bl-ilma tax-xita fi Triq il-Qsajjem, quddiem id-daħla għal Triq il-Puniċi. Huwa rrimarka wkoll li fi Triq il-Munxar ma huwiex jgħaddi Kennies.

6.02 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-*Bus Shelter* li kellu jsir quddiem Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, staqsa dwar it-torba li ntefgħet fl-għelieqi viċin Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u semma li fi Triq l-10 ta' Frar hemm bżonn li jsir *water culvert* peress li qed jaqa' ħafna ilma tax-xita f' din it-triq. Huwa ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill japplika għall-fondi tal-Youth in Action sabiex ikunu jistgħu jgawdu ż-żgħażagħ tal-Munxar. Is-Sindku informah li dwar il-*Bus Shelter*, Transport Malta applikaw mal-MEPA, it-torba ntefgħet hemm proviżorjament u jekk isir *culvert* li jaqsam it-triq quddiem is-*Supermarket*, il-problema ta' ilma tax-xita fi Triq l-10 ta' Frar tissolva. Is-Sindku diġa' attenda laqgħa ta' informazzjoni dwar il-fondi ta' Youth in Action. Għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li hu flimkien mas-Sur Robert Mallia u s-Sur Ryan Debrincat jerġgħu jiltaqgħu ma' Uffiċjali li jieħdu ħsieb fondi tal-Youth in Action.

6.03 Is-Sinjura Carmen Said ilmentat li d-dwal ta' bil-lejl fix-Xlendi ma humiex adekwati speċjalment il-*Parking* tax-Xlendi. Hija fakkret lill-Kunsill li l-qasab tal-wied għadu ma nqatax, kif ukoll il-ħajt fil-kantuniera ta' Triq il-Munxar li kien ċeda. Hija semmiet ukoll ir-*retaining wall* li kien inbena mal-*flats* li nbnew minflok l-*ex*-Andar Hotel. Il-Kunsill kien ser jikteb lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp dwar it-triq. Ser inkellmu wkoll lis-Sid ta' *flats* minħabba ċ-ċint li kien inbena.

6.04 Is-Sur Saviour Spiteri talab li jsir *patching* fi Triq Żgħawri kemm tat-toqob kif ukoll ta' trinka li saret fit-triq. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Kuntrattur sabiex jiġbor dawk il-boroż taż-żibel li jitpoġġew matul Triq Ras il-Bajjada. Is-Sur Spiteri ġie informat li t-trinka ta' Triq Żgħawri saret mill-privat u mhux mill-Kunsill.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Is-Sindku rċieva talba mingħand il-Grupp ta' l-Armar sabiex isiru żewġ toqob għall-arbli, waħda fi Triq il-Munxar u oħra fi Triq Ta' Marżiena. Kien hemm qbil dwar dan.

7.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li ma' kull *zebra crossing* li għandna fil-lokalita' nagħmlu *Belisha Lights* li jaħdmu bis-*solar*. Fil-lokalita' għandna 6 u jkollna bżonn 12 b' kollox. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 31 t' Ottubru 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***